# Il-Viżti Pastorali

**Kitba ta' Joe Brincat**

**F'ħafna mill-kitbiet li għandna f'dan is-sit, insibu l-frażi "Viżta Pastorali", u naħseb li wieħed malajr jistaqsi x'kienu dawn il-Viżti Pastorali? Kif bdew iseħħu? Għaliex saru? X'informazzjoni nsibu fihom? Għalhekk jiena ħsibt li biex wieħed jifhem aħjar x'kienu dawn il-Viżti Pastorali, nikteb ftit informazzjoni dwarhom.**

**F'Novembru tal-1572 laħaq Isqof ta' Malta Fra Martino Royas, li qabel kien il-Gran Prijur ta' l-Ordni ta' San Ġwann. F'Marzu tas-sena ta' wara, il-Papa Gregorju XIII laħħqu wkoll Inkwiżitur tal-gżira. Jidher li Royas beda jimxi bill-pinna u l-klamar kontra kull denunzja li saret u kull suspett ta' ereżija. Il-Kavallieri ħaduha qatta bla ħabel kontrieħ u l-Gran Mastru Jean Levesque de la Cassiere opponieħ bil-kbir u ħadem kontrieh kemm felaħ. Saħansitra ħadem biex jitneħħa għal kollox minn Malta[1].**

**Din il-kwistjoni kompliet tikber u teskala, u saħnet sewwa tant li l-Isqof beda jakkuża lill-Gran Mastru li kien ipprova joqtlu billi javvenelaħ. Għalhekk bagħat lill-Kanonku Dun Simone Bonnici f'Ruma bħala l-Vigarju Ġenerali tiegħu biex jirraporta l-imġieba ħażina tal-Gran Mastru lill-Papa. Il-Gran Mastru, kif sar jaf b'dan, bagħat xi nies qablu fi Sqallija jistennew lil Dun Bonnici, u malli dan wasal Sqallija, inqabad minn dawn in-nies tal-Gran Mastru li ġegħluh jerġa' lura għal Malta[2].**

---

[1] **Grima J. F. - Żmien il-Kavallieri F' Malta 1530-1798**
[2] **Micallef Fr. J. - Ħal-Luqa, Niesha u Ġrajjietha**

**Għadda ż-żmien u l-Papa sar jaf bil-kwistjoni li nqalet bejn il-Gran Mastru u l-Isqof ta' Malta. Għalhekk bagħat lil Mons. Pietru Dusina biex igħarbel sew il-kwistjoni taħraq li kienet inqalgħet bejn dawn l-Awtoritajiet Maltin, li fuq kollox it-tnejn kienu jaqgħu taħtu, għaliex l-Ordni Ġersolomitana kienet istituzzjoni reliġjuża wkoll. Il-Papa ħatar ukoll lil Dusina bħala Inkwiżitur ta' din il-gżira flok l-Iqof Royas.**

**Dusina wasal Malta fl-1 t'Awwissu tal-1574 u għall-ewwel kien joqgħod fil-Belt Valletta minn fejn beda' jeżerċita l-uffiċju tiegħu tat-Tribunal tal-Inkwiżizjoni fil-forti Sant Iermu. Wara ġie trasferit fil-Birgu fejn illum hemm dak li jissejjaħ il-Palazz ta' l-Inkwiżitur. Il-Gran Mastru La Cassiere għamel minn kollox biex jingħoġob ma' Dusina, sa bagħat ittra lill-Papa fejn irringrazjah talli għoġbu jibgħat lill-Mons. Pietru Dusina f'Malta. Huwa ħareġ ukoll ċirkulari indirizzata lill-Gvernaturi, Kaptani, Uffiċjali u s-sudditi biex jilqgħu lil dan il-Prelat rappreżentant tal-Papa bil-pompi kollha daqs li kieku qed jilqgħu lilu[3].**

**Iżda din il-kwistjoni baqgħet ma ġietx solvuta, għax l-inkwiet baqa' sejjer. Anki wara l-mewt ta' Royas kien hemm it-tilwim għaliex aktar inkwiet kompla jinqala' wara l-ħatra ta' l-Isqof il-ġdid l-Isqof Tomaso Gargallo[4].**

**Waqt li kien qiegħed hawn Malta, u fuq talba ta' l-istess Papa, Dusina għamel ukoll viżta pastorali lid-djoċesi ta' Malta biex jara li r-riformi, mitlubin mill-Konċilju ta' Trentu, jitwettqu. Qabel ma waslu l-Kavallieri, l-Isqfijiet ta' Malta kienu residenti fi Sqallija u ma kienux jindenjaw ruħhom jersqu lejn Malta u jinvistaw lid-djoċesi tagħhom. Kienu jippreferu jibqgħu fi Sqallija, f'Palermo jew**

---

**[3] Vella A. P. - La Missione di Pietro Dusina a Malta nel 1574**
**[4] Grima J. F. - Żmien il-Kavallieri F' Malta 1530-1798**

**f'Lentini. Peress li ma kienx hawn sorveljanza Veskovili, beda jkun hawn ħafna nuqqasijiet u taħwid. Naqraw, per eżempju, li qassis żagħżugħ barrani kien ġie maħtur kappillan ta' Paroċċa f'Malta meta dan ma kienx jifhem bil-Malti, u kif xi qassisin Maltin kienu jqaddsu u ma kienux jifmhu l-Latin, u kif ukoll li laħqu Presbiteri irregolarment.**

**Mons. Dusina fil-21 ta' Jannar 1575 beda bil-viżta pastorali u beda jżur il-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex, waħda wara l-oħra. Dawn il-viżti baqgħu sejrin sat-12 ta' Marzu ta' l-istess sena.**

**Dusina kien bniedem metikoluż u ma jħabbel rasu minn ħadd. Hu ried jiltaqa' mall-poplu kollu, raħħala u sinjuri, biex jisma' l-veduti tagħhom, u hekk għamel. Peress li dak iż-żmien il-maġġor parti tal-poplu Malti ma kienx jaf skola, Dużina qabbad lill-patri Dumnikan Damiano Taliana, minn Ħal-Luqa, biex jamilha ta' interpretu[5]. F'kull paroċċa, wara li kien jagħmel viżta lill-Knisja parrokjali, kien iżur il-knejjes filjali kollha tagħha[6] minbarra dawk ta' l-Ordni, peress li dawn kienu jkollom viżti pastorali mill-Gran Prijur. Eżempju ċar ta' dan hija l-knisja tal-Ħġejjeġ f'San Pawl il-Baħar, li peress fil-bidu kienet tal-knisja, għamillha żjara Mons. Dusina. Iżda wara, meta għaddiet għand l-Ordni fl-1617, bdew jagħmlulha ż-żjarat il-Gran Prijuri[7].**

**Fuq kull paroċċa Dusina kien jagħmel rapport iddettaljat ta' dak kollu li kien isib. Huwa żar 430 knisja u kappella. Tant kienu jidħlu f'dettalji r-rapporti tiegħu li kienu jissemmew sa l-inqas dettal bħal gandlieri ta' fuq l-artal u minn xiex kienu magħmulin, fjuri tal-**

---

[5] **Micallef Fr. J. - Ħal-Luqa, Niesha u Ġrajjietha**
[6] **Micallef Fr. J. - Ħal-Luqa, Niesha u Ġrajjietha**
[7] **Azzopardi Mons. J. – Il-Festi Tagħna 1998**

**ganutell, paramenti sagri li kien isieb f'kull knisja u kull dettal simili ieħor.**

**Fil-viżti pastorali tiegħu Dusina sab ruxmata ta' knejjes mitluqin, mingħajr bibien u twieqi. Ir-raġuni għal dan setgħet kienet li dawn kienu ssakkeġjati mit-Torok fiż-żmien li kienu Malta waqt l-Assedju l-Kbir. Ma ninsewx li dan l-Assedju ta' Malta ma kienx ilu wisq li kien spiċċa. Dawn il-knejjes, li kienu jammontaw għal 59, kollha ġew ipprofanati minn Mons. Dusina. Kien hemm oħrajn li kellhom xi ħaġa mhux addattata, u lil dawn tahom iż-żmien biex jirranġawha.**

**Minbarra hekk Dusina sab ħafna affarijiet x'jistgħu jiġu rranġati bħal, ngħidu aħna, l-osservanza taċ-ċelibat. Minn naħa tiegħu Dusina kien konvint li dan in-nuqqas ma kienx ġej mir-rieda ħażina ta' dawn is-saċerdoti iżda biss għax kien hawn minnhom li kienu illitterati u kienu ħadu l-ordni sagri peress li ħallsu xi flus lil xi stituzzjonijiet tal-karita. Għalhekk Mons. Dusina pprova jdaħħal f'Malta is-sistema tas-Seminarju iżda ma rnexxilux minħabba nuqqas kbir ta' fondi[8].**

**F'din l-ewwel żjara pastorali Dusina sab li kien hemm numru ta' nies li kienu joqgħodu 'l bogħod mill-knisja parrokjali tagħhom u li kellhom diffikultajiet kbar biex jirċievu s-sagramenti. Għaldaqstant ħoloq diversi parroċċi ġodda biex in-nies ikunu moqdijin aħjar. Bdew ukoll jinħolqu ħafna konfraternitajiet, li kienu bħal speċi ta' għaqdiet reliġjużi, biex b'hekk it-tagħlim reliġjuż kompla żdied[9]. Sab ukoll li l-knejjes kienu kollha mudlama u hu għaldaqstant ordna li jsiru speċi ta' twieqi tondi fuq il-bibien prinċipali, biex b'hekk dawn it-tempji jingħataw aktar dawl fuq ġewwa.**

[8] Grima J. F. - Żmien il-Kavallieri F' Malta 1530-1798

[9] **Mgr. Prof. Bonnici A. – History Of The Church In Malta**

**Minn din il-viżta pastorali ħareġ ħafna ġid. Isqfijiet aħjar bdew jiġu maħtura li ħadmu biex iġibu r-reliġjon aktar fuq saqajha. U hekk dawn il-viżti baqgħu isiru kull tant snin mill-Isqfijiet ta' Malta. Dawn inqatgħu maż-żmien peress li s-sistema tal-komunikazzjoni bdiet dejjem titjieb u allura ma kienx hemm aktar bżonnhom.**

**Ir-rapporti ta' dawn il-viżti għadhom jeżistu sal-ġurnata tal-llum u ħafna studjużi ta' l-istorja ta' Malta jmorru jqalbu fihom biex forsi jsibu xi tagħrif partikulari speċjalment tagħrif li jirrigwardja il-knejjes Maltin.**

**TMIEM**

**--- o --- 0 --- o ---**